MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2013

Numru. 1023/2003

**IL-PULIZIJA
SPETTUR CARMELO BARTOLO
SPETTUR JOSEPH MERCIECA**

**KONTRA**

**FAIZ OMAR ELSALLAK iben Omar u Fatma nee' Forgeni, imwieled il-Libja nhar it-3 ta' Awwissu, 1969, residenti fil-fond Marlene, Flat 2, Triq Testaferrata, Msida, detentur tal-karta tal-identita' numru 23784A;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Faiz Omar Elsallak** li gie akkuzat talli:

Nhar il-11 ta' Dicembru, 2003, ghall-habta tal-10.30 ta' bil-lejl, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' li minghajr il-hsieb li

joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Emad Mohammed Mowal ta’ nazzjonalita’ Libjana f’perikolu car, permezz ta’ strument li jaqta’ jew iniggez, ikkaguna offiza gravi li tista’ tikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti mill-gisem, jew iggib difett permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem, jew marda permanenti tal-mohh, jew iggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f’wahda mill-idejn tal-offiz, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, permezz ta’ strument li jaqta’ u jniggez, ikkaguna offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Emad Mohammed Mowal ta’ nazzjonalita’ Libjana, skont ma ccertifika Dr Nicholas Vassallo MD tac-Centru tas-Sahha tal-Mosta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li kien qieghed jaghmel delitt kontra s-sigurta’ tal-Gvern, jew kontra l-persuna jew id-delitt ta’ serq jew hsara lill-proprjeta’, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar, jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta’ u bil-ponta, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b’mod iehor;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li nstab hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi.

Rat li moqrija l-istess akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-istess.

Rat ukoll l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, u cioe’:

a. Fl-Artikoli 41(1)(a), 214, u 218 tal-Kodici Kriminali;
b. Fl-Artikoli 214 u 221 tal-Kodici Kriminali;
c. Fl-Artikolu 26 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-Artikolu 13 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-Artikolu 338(m) tal-Kodici Kriminali;
f. Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Rat ukoll li moqrija l-istess Artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji (folio 212).

Rat il-provi kollha migjuba.

Rat ukoll in-noti ta' sottomissjonijiet u semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi xehed certu Emad Mohammed Mowal. Qal illi waqt li kien f'hanut tax-xorb ma' habib tieghu fejn kien hemm anke nies Libjani jixorbu, dahal wiehed gol-bar - certu Resek skondtu. Sid il-bar talabhom johorgu ghax kien sar il-hin u meta hareg sab nies Libjani barra jiggieldu. Mar jifred lil dawn in-nies u hawn wiehed minnhom tah daqqa ta' sikkina fuq rasu. Qal illi hu ghalhekk mar ghand il-pulizija, tahom il-passaport u haduh id-dar. Qal illi fil-hanut mieghu kien hemm tnejn ohra – certu Musbah u Taher. Xehed illi l-glieda nqalghet bejn wiehed iswed u persuna ohra li hu ndika bhala l-imputat. Xehed ukoll illi l-iswed kien fil-grupp tieghu, pero l-imputat le, allura jghid illi l-iswed kien qieghed jiggieled mal-imputat li anke kellu mus f'idejh. Ma kinx jaf ghalfejn kien tah daqqa. Anke qal illi kulhadd kien fis-sakra, pero kien cert illi qala' daqqa ta' sikkina (mus) ghaliex xehed illi kellha xafra ta' tliet pulzieri. Qal illi dan l-istrument kien f'idejn l-imputat waqt il-glieda. Qal illi hu lill-imputat ma rahx jixrob, rah biss ma' certu Resek. Kien cert illi l-imputat tah daqqa ghax gharfu minn wiccu. In kontro ezami qal illi ma kinx jaf jekk l-iswed kellux xi haga f'idu.

Resek Ibrahim Saleh minn naha tieghu kkonferma li kien mar il-hanut tax-xorb ma' certu Taher. Fittex xi Libjani u

maghhom hareg fil-gardina hdejn il-hanut, qal illi Faiz l-imputat rega' dahal warajh fil-hanut. Qal illi hu lil Faiz kien jafu hawn Malta u ma kinitx l-ewwel darba li ltaqa' mieghu. Qal illi xtraw pakkett sigaretti u hargu 'l barra. Anke xtraw zewg tazzi whiskey. Qal illi hawn kien hemm glieda ma' iswed. Qal illi kien involut certu Emed u li l-glieda spiccat bid-daqqiet. Qal illi hu u Taher ippruvaw jifirdu. Qal ukoll illi l-iswed kien qieghed jiggieled kemm ma' Emed kif ukoll ma' Faiz. Anzi qal illi kien Emed li beda jiggieled ma' Faiz.

Xehed ukoll Rasek Ibrahim Saleh li kkonferma li ra l-glieda u pprova jifridhom. Qal illi Taher kien qieghed izomm lil Faiz, mentri hu - ix-xhud, kien qieghed jipprova jifred lil Emad. Qal ukoll illi ghalkemm ra lil Faiz idahhal idejh fil-but, pero ma rax mus. Qal ukoll illi ghall-bidu Emed ma kellux x'jaqsam ma' din il-glieda, dahal fiha wara. Qal illi kien l-iswed li qala' dan l-inkwiet fil-bidu. Qal ukoll illi wara li Faiz dahhal idejh fil-but, Emad telaq jigri jzomm rasu.

Jinghad ukoll illi l-Ufficjal Prosekutur anke ezebixxa l-istqarrija tax-xhud Rasek, pero stante li dan qatt ma gie dikjarat xhud ostili u li ma kinx hemm bzonn ta' kontrolli fuqu waqt li kien qieghed jixhed viva voce, il-Qorti mhix ser tiehu l-istess stqarrija in konsiderazzjoni tax-xhieda prodotta.

Taher Mohammed fix-xhieda tieghu kkonferma li kienu qed jixorbu fil-hanut, ra glieda barra fejn ra wiehed iswed Hamid jiggieled ma' iehor. Qal illi hu kien fis-sakra. Qal illi Emad kien hdejh u beda jistaqsih x'gara. La ra lil Emad jiggieled u lanqas rah iferraq. Ikkonferma li Emad kellu daqqa f'rasu.

Dr Nicholas Vassallo xehed illi Emad Mohammed Mowal kien sofra griehi ta' natura hafifa b'xi haga li taqta', vide Dok A folio 67.

Minn naha tieghu Dr Mario Scerri, espert mahtur mill-Qorti, ikkonkluda f'Dok MS a folio 88 et seq, is-segwenti:

- *Illi l-lezjoni deskritta fuq in-naha tax-xellug tal-parti parietali tar-ras kienet friska u maghmula minn strument li jaqta';*

- *Illi din il-lezjoni kellha l-gnub taghha uniti;*

- *Illi peress illi din il-lezjoni kienet aktar twila milli fonda, din it-tip ta' lezjoni tissejjah incizjoni;*

- *Illi din il-lezjoni hija ta' natura hafifa.*

Xehed anke l-Ispettur Joseph Mercieca dwar l-investigazzjonijiet li ghamel fuq dan l-incident, fejn allura a tempo vergine Emad Mohammed Mowal kien qallu li kien qala' minn persuna ghalih mhux maghrufa, daqqa ta' sikkina fuq rasu.

PC 1416 Peter Paul Attard ikkonferma li l-imputat ma kellu ebda arma registrata fuqu la to keep u wisq anqas to carry.

Minn naha tieghu Joseph Vella xehed illi hu kien proprjetarju jew jiggestixxi bar hdejn il-club tal-bocci. Qal illi kien hemm fih xi erba' Gharab qed jixorbu, dahal iehor jismu Resek, xorob u ttantah. Dahal iehor u mar mal-bar jixrob ukoll. Ra li kien ser jinqala' argument, talabhom biex jitilqu 'l barra. Xehed illi kien hemm iswed li tefa' xi flus go juke box u beda jizfen, u l-akkuzat qam u kellmu, cioe' kellem lill-iswed li kien qieghed jizfen. Qal illi mill-attitudni taghhom kienu jidhru li kienu qed jargumentaw, ghalhekk talabhom biex jitilqu 'l barra. Zied illi meta ghalaq il-bar u hareg barra, sab lil dawn it-tnejn fil-pitch, jitkellmu. Hass li kienu qed jargumentaw.

PS 766 Jeffrey Attard McCarthy xehed illi ghall-habta ta' 10.30 semghu l-bieb ta' wara l-Ghassa jhabbat bil-qawwi. Hemm raw persuna ta' nazzjonalita' Gharbija zzomm rasha. Qal illi beda jghidilhom li kien qala' daqqa mus minn hdejn il-club tal-bocci.

Gilmore Labandero ttella' jixhed fejn qal illi hu kien il-Gzira u kien gie ttantat minn zewgt irgiel u sab sokkors fl-appartament ta' Faiz li kien jaqsam ma' Filippa Chircop.

Xehed anke l-imputat minn jeddu. Innega li hu kellu xi jghid mal-persuna bl-isem Mowal. Qal illi l-kaz li kellu kien ta' glied ma' wiehed iswed. Qal illi hu kellu xi jghid ma' wiehed iswed, u dak (?) indahal u gew mal-aghar tnejn u kien hemm il-hgieg imkisser mal-art, u ghalhekk ghax hu gie mbuttat kellu l-feriti f'idu. Qal illi Mowal lill-Ispettur Bartolo kien qallu li ma kinx l-imputat li kien tah daqqa ta' sikkina, hawn skondtu l-Ispettur beda jidghi u hawn ghalhekk qal illi kien hu (l-imputat) li kien tah daqqa ta' sikkina - dan skont l-imputat, fuq suggeriment tal-istess Spettur. Innega li hu fuqu kellu sikkina. Ammetta li hu kellu xi jghid ma' iswed, imbaghad dan Mowal li ma kinx jafu kien mar u mbuttah mal-art. Insista li gharfu bhala l-aggressur tieghu fuq insistenza tal-Ispettur, kif ukoll illi seta' wegga' mal-hgieg li kien hemm mal-art.

In kontro ezami qabel illi hu kien qieghed jiggieled mal-iswed, u Mowal mar biex jifridhom; ghalhekk Mowal xehtu mal-art lilu. Ikkonferma li mal-iswed kellu argument ghax beda jizfen quddiemu, u beda jkellmu pastaz. Kien hawn skondtu li mar Mowal fuqu. Baqa' jikkonferma li Mowal f'wicc l-Ispettur innega li kien hu li kien tah daqqa bis-sikkina, u kkonferma dan biss wara li l-Ispettur insista fuq dan u beda jghid bil-Madonna. Qal illi hu kien qieghed ifittex lil Resek Ibrahim biex jiksilu post.

Ghandu jinghad ukoll illi l-istess imputat kien anke rrilaxxa stqarrija, din ezebita mill-Ispettur Carmelo Bartolo bhala Dok FO folio 80. Hawn qal illi kien iltaqa' ma' wiehed Resek ta' nazzjonalita' Libjana, dan biex jaghmillu xi xoghol fid-dar tieghu. Kellhom jiltaqghu l-club tal-bocci dwar dan. Qal illi meta kien gol-hanut resaq fuqu wiehed iswed u beda jizfen quddiemu u jaghmel il-hsejjes. Qal illi dan kien fis-sakra. Qal illi dan pogga jdejh fuq spalltu u offrielu l-flus biex isiblu mara biex jizzewweg. Qal illi keccieh pero dan tah daqqa ta' ponn. Qal ukoll illi hargu tlieta ohra mill-hanut, u li spicca anke mal-art, wegga' l-pala ta' jdejh. Innega li hu kien igorr mus jew sikkina. Hu

qal illi ma kinx jaf lil Mowal. Baqa' neganti li hu lil Mowal tah daqqa ta' sikkina.
Qal ukoll illi darba fl-ufficju tal-Ispettur, Emad qal illi ma kinx hu, cioe' l-imputat, li tah daqqa ta' sikkina. Qal illi meta regghu dahhluh fl-ufficju, issa Emad beda jghid illi kien l-imputat li kien tah daqqa ta' sikkina – dan skont l-imputat, ghax influwenzah l-Ispettur dwar dan, anke bid-dagha.
Anzi qal l-imputat li kieku hu kellu mus, kien jaghti bih lill-iswed li offendieh b'ommu.

Ikkunsidrat:

Il-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni dwar dawn ir-reati huma principalment tnejn. Jghid l-istess ferut li kien l-imputat li fil-fatt dahhal idejh fil-but, minnu hareg mus li bih tah daqqa go rasu. Minn naha l-ohra Resek Saleh jghid illi kien ra lill-imputat idahhal idejh fil-but, pero ma rax skieken, ra pero lil Emad izomm rasu. Sid il-bar jghid illi ra lil min jilletika, pero ma jghid xejn dwar hgieg li fuqu jitkellem l-imputat. Lanqas ma jirrizulta mir-ritratti ezebiti, illi kien hemm xi hgieg mal-art li bih seta' wegga' l-istess Mowal Emad, vide ritratti ezebiti minn PC 453.

Certament l-imputat kien neganti dwar l-akkuzi lilu addebitati kemm fl-istqarrija kif ukoll viva voce, stqarrija li per parentesi ttiehdet bir-regime stabbilit fiz-zmien illi giet hekk mehuda. Pero dak li qal l-imputat ma jsib ebda konfort fix-xena tad-delitt, mehud ma' dak li xehed Emad u dak li qal l-istess ferut lill-pulizija a tempo vergine. Konsegwentement din il-Qorti qieghda ssib htija ai termini ta':

- L-Artikoli 41(1)(a), 214, u 218 tal-Kodici Kriminali;
- L-Artikoli 214 u 221 tal-Kodici Kriminali;
- L-Artikolu 26 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-Artikolu 13 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-Artikolu 338(m) tal-Kodici Kriminali.

Dwar il-piena, rat ukoll is-sentenza ezebita a folio 275, u l-fedina penali aggornata, u ghalhekk anke l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tqis illi l-piena idonea hija dik karcerarja effettiva, u tikkundannah ghal piena ta’ prigunerija ta’ zmien sena(1) habs;

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundanna lill-imputat ghall-hlas tal-ispejjez peritali ammontanti ghal €494.54.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------